

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/1983**tat-28 ta' Novembru 2019****li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/39 fir-rigward tar-riallokazzjoni tal-ghajjnuna tal-Unjoni**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1370/2013 tas-16 ta' Diċembru 2013 li jiddetermina miżuri dwar l-iffissar ta' ċerti għajjnuniet u rifużjonijiet relatati mal-organizzazzjoni komuni tas-swieq tal-prodotti agrikoli ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(5) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/39 ⁽²⁾ jistabbilixxi r-regoli, fost l-oħrajn, għar-riallokazzjoni tal-ghajjnuna tal-Unjoni mhux mitluba bejn l-Istati Membri li jipparteċipaw fl-iskema għall-iskejjel li nnotifikaw ir-rieda tagħhom li jużaw aktar mill-allokazzjoni indikattiva tagħhom. L-ammont tal-allokazzjoni indikattiva li jista' jiġi riallokati lil Stat Membru ieħor irid ikun ibbażat fuq il-livell ta' użu tal-allokazzjoni definittiva tal-ghajjnuna tal-Unjoni fis-sena skolastika preċedenti minn dak l-Istat Membru. Fid-dawl tal-esperjenza miksuba skont l-iskema għall-iskejjel, ir-regoli għall-kalkolu tal-ammonti tal-allokazzjoni indikattiva li jridu jiġu riallokati jenħtieġ li jiġu ċċarati aktar. Sabiex tiġi pprovduta l-aktar bażi aġġornata għar-riallokazzjoni tal-ghajjnuna tal-Unjoni, id-dikjarazzjonijiet tan-nefqa tal-Istati Membri li saru sal-31 ta' Diċembru jenħtieġ li jitqiesu għall-kalkolu.
- (2) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/39 jiġi emendat skont dan.
- (3) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 7 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/39, il-paragrafu 3 jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"3. L-ammont tal-allokazzjoni indikattiva li jista' jiġi riallokati lil Stat Membru ieħor skont il-paragrafu 1 għandu jkun ibbażat fuq il-livell ta' użu tal-allokazzjoni definittiva tal-ghajjnuna tal-Unjoni fis-sena skolastika ta' qabel għall-frott u l-ħxejjex għall-iskejjel u għall-ħalib fl-iskejjel rispettivament minn dak l-Istat Membru. Filwaqt li jitqiesu d-dikjarazzjonijiet tan-nefqa mibgħuta lill-Kummissjoni dwar in-nefqa li tkun saret sal-31 ta' Diċembru tas-sena ta' qabel is-sottomissjoni tat-talba għal għajjnuna tal-Unjoni skont l-Artikolu 10 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 908/2014 ^(*), l-ammont tal-allokazzjoni definittiva għandu jiġi kkalkulat kif ġej:

- (a) meta l-użu tal-allokazzjoni definittiva jkun ta' 50 % jew inqas, ma għandha tingħata l-ebda allokazzjoni addizzjonali;
- (b) meta l-użu tal-allokazzjoni definittiva jaqbeż il-50 % iżda jkun ta' 75 % jew inqas, l-allokazzjoni addizzjonali massima għandha tkun limitata għal 50 % tal-allokazzjoni indikattiva;
- (c) meta l-użu tal-allokazzjoni definittiva jaqbeż il-75 %, l-allokazzjoni addizzjonali massima ma għandhiex tkun limitata.

⁽¹⁾ ĠU L 346, 20.12.2013, p. 12.

⁽²⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/39 tat-3 ta' Novembru 2016 dwar ir-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-ghajjnuna tal-Unjoni għall-provvista ta' frott u ħxejjex, banana u ħalib fl-istabbilimenti edukattivi (ĠU L 5, 10.1.2017, p. 1).

Il-kalkolu deskritt fl-ewwel subparagrafu ma għandux japplika għall-Istati Membri ġodda li japplikaw l-iskema għall-iskejjel jew għal wieħed mill-komponenti tagħha matul l-ewwel sentejn ta' implimentazzjoni.

(*) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 908/2014 tas-6 ta' Awwissu 2014 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-aġenziji tal-pagamenti u korpi oħra, il-ġestjoni finanzjarja, l-approvazzjoni ta' kontijiet, ir-regoli dwar kontrolli, garanziji u trasparenza (ĠU L 255, 28.8.2014, p. 59)."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Novembru 2019.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER